TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/160/20/S

*Henry Schembri*
*vs*
*Busy Bee Retail Ltd*

Illum, 6 ta'Mejju, 2021.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Henry Schembri ippreżentata fl-10 ta' Novembru, 2020 u r-Risposta tas-socjeta Busy Bee Retail Ltd ippreżentata fl-14 ta' Dicembru, 2020;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u s-sottmissjonijiet tal-istess partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti Henry Schembri spjega is-segwenti:

-Illi huwa kien se jorganizza 'birthday party' f'gheluq it-tmenin sena tieghu u kellem lis-socjeta intimate biex tipprovdi l-'catering' u hallas €500 bhala depozitu. Huwa qed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' €500 minhabba li l-'party' kellu jigi kancellat b'rizultat tar-regolamenti mahruga minhabba l-pandemija u li ma kinux jippermettu li jsir 'party' kif ried ir-rikorrenti;

Illi fir-Risposta, is-socjeta intimata Busy Bee Retail Ltd resqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

-Illi r-rikorrenti kien accetta l-kwotazzjoni tas-socjeta intimata u kien hallas €500 bhala depozitu izda kien

ikkancella l-'party' wara r-restrizzjonijiet impost mill-gvern minhabba l-pandemija;

-Illi r-rikorrenti ma kienx accetta l-offerta li minflok 'party' issir 'a seated function';

-Illi d-decizjoni li jikkancella l-'party' kienet biss tar-rikorrenti u ghalhekk ma setax jitlob rifuzjoniu tad-depozitu mhallas;

1. *Il-mertu*

Illi l-mertu tal-azzjoni jikkonsisti fl-ilment tar-rikorrenti li d-depozitu minnu mhallas ghandu jigi rifuz mis-socjeta intimata gjaladarba kien *kostrett* jikkancella l-'party' ghal gheluq it-tmenin sena tieghu wara r-restrizzjonijiet tal-gvern minhabba l-pandemija Covid19;

Illi t-Tribunal josserva li r-restrizzjonijiet tal-gvern saru minhabba s-sitwazzjoni ta'emergenza ta'sahha liema okkazjoni hi wahda eccezzjonali;

Illi l-kancellament tal-'party' kien b'rizultat dirett tar-restrizzjonijiet imposti mill-gvern li dwarhom ir-rikorrenti (u kulhadd) ghandu jaderixxi maghhom;

Illi gjaladarba r-rikorrenti ma qabilx li ssir funzjoni differenti minn dik li hu ried u li giet maqbula mas-socjeta intimata, id-depozitu mhallas ghandu jigi rifuz fl-intier tieghu;

l-opzjoni moghtija mis-socjeta intimata ghal funzjoni ta'bilqeghda setghet issehh kieku r-rikorrenti qabel ma' din;

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u Jordna lis-socjeta intimata Busy Bee Retail Ltd thallas u tirrifondi lura lil Henry

Schembri s-somma ta' €500.00 u dan fi zmien gimgha mill-llum.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru